# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali

**Kumpilazzjoni Nru. 1360/09**

## Il-Pulizija

## Vs

## Emanuela sive Mona Camilleri

Illum 5 ta' April 2016

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Emanuela sive Mona Camilleri**, mart Mario Camilleri u bint Carmelo Galea u Antonia nee' Zahra, imwielda il-Pieta fid 29 ta' Dicembru 1971, u residenti Block 2, Flat 5, Triq il-Merkanti, Valletta, detentici tal-Karta tal-Identita' Nru 596772M fejn giet akkuzata talli, fil-Gzejjer Maltin u barra mill-istess gzejjer, fit 30 ta'Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur qabel din id-data:

a) Assocjat ruhha ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex tbiegh jew tittraffika medicina (kokaina u l-pjanta cannabis kollha u/jew bicca minnha) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew li ppromoviet, ikkostitwiet, organizzat jew iffinanzjat l-assocjazzjoni

b) Ghenet, hajjret, tat parir jew fittxet biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonkjiet ta' xi Ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocjaw ruhhom ma'xi persuna jew persuni ohra f'Malta sabiex jaghmlu tali reat jew ghamlet xi haga biex thejji jew tiffacilita'xi att li, kienu jsir Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti fit 12 ta' Settembru 2002.

Rat illi fl-24 ta' Marzu 2009, inqraw l-akkuzi lill-akkuzata u sar l-ezami ta l-istess akkuzata fejn wiegbet illi ma kienetx hajta ta' l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Rat illi fl-24 ta' Marzu 2009, bi qbil bejn il-partijiet, ix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Neil Harrison moghtija fit 13 ta'Novembru 2002 fil-kawza '*Il-Pulizija vs Mario Camilleri*' giet inserita fil-process u gew meqjusa bhala parti mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda ta' l-**Assistent Gudizzjaru Neil Harrisson** inserita fil-process.

Rat ix-xhieda ta' l-**Ispettur Norbert Ciappara**, **PS 579 Antoine Micallef** u **PC 1013 Raymond Debono** moghtija fl-14 ta'Mejju 2009.

Rat ix-xhieda ta' **Herbert Agius** u ta' **Dr. Veronica Aqulina** moghtija fit 18 ta' Gunju 2009.

Rat illi fit 28 ta' Awissu 2009 il-prosekuzzjoni esebiet l-istqarrija ta' l-akkuzata Mona Camilleri.

Rat illi fil-11 ta' Jannar 2010 xehdu **Stephen Cachia**, **PC 10 Trevor Cassar Mallia**, **PC 213 Nicolai Borg**, **Joseph Tonna**, **PS 1086 Johan Micallef**, **WPS 86 Diane Fenech**, **PC 553 Ryan Pace** u **PC 706 Norman Cremona**.

Rat illi fit 18 ta' Jannar 2010 gew ippresentati serje ta' dokumentazzjoni mir-Registratur tal-Qorti, li jinkludu, lista ta' numru tat-telefon, rogatorji, relazzjoni tal-Perit Joseph Zammit, rapport tal-assi u mandat tal-intercettazzjoni. (fol 125 - 650)

Rat illi fis 26 ta' Jannar 2010 xehdu **Herbert Agius**, **PS 1183 Oliver Mangion**, **PS 536 Jason Caruana**, **PS 599 Clive Mangion** u **PC 102 Anthony Portelli**.

Rat illi fit 2 ta' Marzu 2010 ir-Registatur tal-Qorti ippresenta dokumentazzjoni konnessa mal-proceduri fl-ismijiet *'Il-Pulizija vs Mario Camilleri'* (fol 671 sa 786).

Rat illi fit 2 ta' Marzu 2010 xehdu l-**PL Noel Scerri**, **Dr. Claire Cassar**, **Alphonse Cauchi**, **Wilfred Agius** u **Keith Murphy**.

Rat illi fit 8 ta' Marzu 2010 xehdu **David Scicluna**, **PS 1044 Gordon Calleja**, **WPC 119 Cynthia Haber**, **Dr Stephen Farrugia Sacco** u **l-Assistent Kummissarju Neville Aquilina**.

Rat illi **Joseph Sacco**, prodott mill-prosekuzzjoni fit 8 ta' Marzu 2010, ghazel illi ma jixhidx stante illi kien hemm proceduri kriminali kontra tieghu pendenti.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2010, Dr Martin Bajada gie appuntat bhala espert sabiex jipproduci kopji ta' 4 videos u 2 CD's gia ippresentati fil-proceduri *'Il-Pulizija vs Mario Camilleri et'*.

Rat illi fit 23 ta' April 2010, Dr Martin Bajada esebixxa d-dokumentazzjoni illi kellu jipproduci ai termini ta' l-inkariku moghti lilu fit 8 ta' Marzu 2010.

Rat illi fl-10 ta' Mejju 2010 l-Assistent Registratur tal-Qorti Kriminali esebixxa rapport redatt minn Dr Martin Bajada u xehdet **Dr Elena Naudi Depasquale**.

Rat illi fid 9 ta' Gunju 2010 giet esebita 'formalment' it-traskrizzjoni tat-telefonati ppresentati minn Herbert Agius fil-proceduri *'Il-Puluzija vs Mario Camilleri',* liema traskrizzjonijiet relevant ghal-kaz odjern gew annessi f'dan il-process minn dina l-Qorti.

Rat illi fit 2 ta' Awissu 2010 xehdu **Salvino Sacco** u **Joyce Agius**.

Rat ukoll illi fit 2 ta' Awissu 2010, xehdu **Emanuel Camilleri** u **Trudy Testa** illi t-tnejn ghazlu illi ma jixhudx stante illi kellhom proceduri kriminali pendenti kontrihom.

Rat illi fl-4 ta' Awissu 2010, l-Avukat Generali, bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 u 31 tal-Kap 101 ordna illi l-akkuzata titressaq quddiem dina l-Qorti, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fuq l-akkuzi originalment addebitati lilha.

Rat illi fl-14 ta' Jannar 2011 xehdu is-**Supretendent Norbet Ciappara**, l-**Assistent Kummissarju Neil Harrison** u **Herbert Agius** in kontro ezami.

Semghet il-kontro ezami ulterjuri tas-Supretendent Norbert Ciappara illi saret fl-20 ta' Settembru 2013.

Semghet il-kontro ezami ulterjuri tas-Supretendent Norbert Ciappara illi saret fit 12 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Emanuela sive Mona Camilleri** moghtija fl-14 ta' Jannar 2015.

Semghet ix-xhieda tal-**Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar** moghtija fil 11 ta' Marzu 2015.

Rat illi fit 30 ta' April 2015 id-difiza ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta w il-kawza setghet tithalla ghat-trattazzjoni finali.

Rat illi fit 2 ta' Dicembru 2015 il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi kienet qed tistrieh fuq il-provi illi gew prodotti.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza illi saret fis 26 ta' Jannar 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi f'Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Drogi kienu gew infurmati illi kien qed isiru arrangamenti sabiex tigi impurtata gewwa Malta konsenja ta' madwar zewgt kilos kokaina, kilo eroina u madwar elfejn (2,000) pillola tal-Ecstasy minn gewwa l-Olanda, illi huma lkoll sustanza illegali ai fini tal-Kap 101.

Jirrizulta illi, bhala rizultat ta' tali informazzjoni, il-Puluzija, bl-assistenza tas-Servizz tas-Sigurta, pprocediet biex tintercetta komunikazzjoni illi kienet qed issir bejn varji persuni suspettati minnhom illi kienu involuti f'tali importazzjoni.

Jirrizulta illi, fost il-persuni li l-komunikazzjoni taghhom kienet qed tigi intercettata, kien hemm Mario Camilleri, illi kien ir-ragel ta' l-akkuzata u, dak iz-zmien, kien jinsab gewwa il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, jiskonta sentenza ta' habs.

Jirrizulta illi l-istess Mario Camilleri, ghalkemm kien jinsab gewwa il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jiskonta sentenza ta' habs, ghal ragunijiet mhux maghrufa, kellu fil-pussess tieghu 'mobile phone' illi huwa kien juza regolarment sabiex jikkomunika ma' terzi persuni barra mill-istess habs.

Jirrizulta, illi fost il-komunikazzjonijiet regolari illi Mario Camilleri kien ikollu, huwa kien jikkomunika regolarment ma' l-akkuzata Emanuela sive Mona Camilleri, illi kienet mart l-istess Mario Camilleri.

Jirrizulta, mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, partikolarment l-Assistent Kummissarju Neil Harrison fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Jannar 2011 (fol 1431), illi kien biss abbazi ta' tali intercettazzjonijiet telefonici illi kienu gabru l-Pulizija bejn l-akkuzata u Mario Camilleri, illi huma mexxew kriminalment kontra l-akkuzata.

Jirrizulta wkoll, mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, partikolarment ix-xhieda tas-Supretendent Norbert Ciappara, illi t-telefonat principali illi abbazi taghhom inbdew il-proceduri odjerni kienu dawn illi sehhew bejn it 30 ta' Mejju 2002 w il-5 ta' Gunju 2002, liema telefonati jidhru rrappurtati fit-traskrizzjonijiet migbura mis-Servizz tas-Sigurta, u esebiti fl-atti tal-process *'Il-Puluzja vs Mario Camilleri et'*, li qed tinstema wkoll minn dina l-Qorti, minn fol 7148 sa fol 7325 ta' l-istess process, kopja ta' liema traskrizzjonijiet gew annessi fil-process odjern minn dina l-Qorti ghall-facilita' u espedjenza tal-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, fatt mhux disputat, illi l-akkuzata kienet mart Mario Camilleri, illi fuqu il-Puluzija kienu qed jinvestigaw l-allegat kaz ta' importazzjoni ta' droga minn gewwa l-Italia.

Jirrizulta, mhux kontradett, mill-provi prodotti, illi ghal ragunijiet inspjegabbli, Mario Camilleri, ghalkemm kien jinsab gewwa il-habs, kellu l-facilita' illi jikkomunika liberament

ma' nies barra mill-habs, u dana permezz ta' mobile li jidher li l-istess Mario Camilleri kellu gewwa ic-cella tieghu u li bih huwa kien seta jikkomunika ma' kullhadd, inkluz l-akkuzata, illi kienet il-mara tieghu.

Jirrizulta illi, bejn is-7 ta' April 2002 sal 5 ta' Gunju 2002, il-Pulizija intercettat tnejn u tletin (32) telefonata illi saru bejn l-akkuzata u r-ragel taghha, Mario Camilleri, illi minnhom tlettax (13) kienu telefonati illi ghamlet l-akkuzata filwaqt illi l-kumplament kienu telefonati illi saru mir-ragel taghha Mario Camilleri lilha.

Jirrizulta, illi l-kontenut ta' tali telefonati kien principalment jikkoncerna dwar diskussjoni relatati ma' self ta' flus illi r-ragel taghha, Mario Camilleri, kien ghamel ill-persuni ohra, u dwar kif tali flus kienu ser jerrgghu jintraddew lura.

Jirrizulta, mill-kontenut ta' tali telefonati, illi tali flejjes kellhom jingabru tramite Trudy Testa, filwaqt illi minn imkien ma' jirrizulta illi l-akkuzata kienet b'xi mod involuti fl-oghti dirett ta' dawna l-flejjes lill terzi persuni.

Jirrizulta madanakollu, mill-kontenut ta' tali telefonati, illi l-akkuzata kienet involuta fil-process tal-gbir lura ta' tali flejjes, u dana billi tistqarr illi sar komunikazzjoni ma' Trudy Testa kif ukoll ma' terzi persuni bil-ghan illi ssir pressjoni biex tali flejjes jintraddew lura.

Madanakollu, ma jirrizulta mkien, mill-kontenut ta' tali telefonati, ir-raguni ghal xiex tali flejjes kienu inghaddew lill terzi persuni u, aktar u aktar, ma jirrizultax illi l-akkuzata kienet a korrent tal-fatt illi seta jkun li tali flejjes intuzaw sabiex tigi mixtrija droga biex imbghad tigi impurtata gewwa Malta.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-prosekuzzjoni, fil-kaz odjern, qieghda tinsisti illi l-akkuzata, bhala il-mara ta' Mario Camilleri li allegatament kien involut fil-pjan kollu ta' l-importazzjoni tad-droga, kienet taf bil-progett kollu inkluz, fost affarjiet ohra, illi certa Raymond Borg u Fabio Psaila kellhom jitilghu Sqallija sabiex jigbru d-droga illi kienet thalliet hemm minn persuni ohra li kienu nizzlu l-istess droga minn gewwa l-Olanda.

Jirrizulta, madanakollu, illi fit-telefonati kollha prodotti mill-prosekuzzjoni, partikolarment dawk tat-30 u 31 ta' Mejju 2002, jigifieri jiem wara illi l-istess Borg u Psaila kienu nqabdu mill-Pulizija Taljana gewwa Sqallija bid-droga, ghalkemm l-akkuzata dehret illi kienet taf li Borg u Psaila kienu gew arrestati gewwa l-Italia, minn imkien fid-diskussjonijet kollha illi hija kellha mar-ragel taghha, ma jidher illi hija b'xi mod kienet taf illi tali arrest kien konness ma' l-importazzjoni ta' droga minn Sqallija ghal gewwa Malta.

Jirrizulta, di fatti, illi l-akkuzata dejjem ghamlet referenza ghal tali arresti fil-kuntest tal-flejjes illi r-ragel taghha kien ghadda u li kellhom jintraddew lura lilu.

Jirrizulta wkoll, mix-xhieda ta' l-akkuzata stess (fol 1166), illi kien biss wara illi ssehh l-arrest ta' Borg u Psaila gewwa Sqallija, illi l-akkuzata giet a korrent tal-fatt illi tali flejjes, li r-ragel taghha Mario Camilleri, kien qieghed jinsisti maghha li kellha tiehu hsieb tigbor minghand Trudie Testa, kienu attwalment flejjes li kienu intuzaw sabiex tinxtara dghajsa bil-ghan illi tigi impurtata droga gewwa Malta.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-att tal-akkuzi kif migjuba kontra l-akkuzata, illi hija qieghda tigi akkuzata bl-akkuzi hekk ikkontemplati fl-Artikolu 22 (1) (d) u l-Artikolu 22 (1) (f) tal-Kap 101.

Jirrizulta wkoll illi l-akkuzi huma tali li l-imputata qieghda tigi akkuzata talli 'assocjat ruhha' fl-implimentazzjoni tal-akkuzi fuq indikati.

Jirrizulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 22 (1A) ta' l-istess Kap 101, illi:

> *"L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu"*

Jirrizulta, mill-assjem tal-provi kollha kif prodotti, illi mkien ma gie ppruvat illi l-akkuzata kienet b'xi mod involuta fil-ghoti tal-"mezzi" illi kienu mehtiega sabiex tigi impurtata d-droga gewwa Malta.

Jirrizulta wkoll illi mkien ma gie ppruvat illi l-akkuzata, b'xi mod, ippromoviet, ikkostitwiet, organizzat jew iffinanzjat l-assocjazzjoni illi wasslet sabiex jigi organizzat l-importazzjoni ta' droga gewwa Malta.

Jirrizulta illi l-akkuzata kienet taf illi r-ragel taghha, Mario Camilleri, kellu jigbor l-ammont ta' Lm10,000 minghand terzi persuni.

Jirrizulta wkoll illi wara li gew arrestati Borg u Psaila gewwa Sqallija, u ghalhekk wara illi l-azzjoni ta' importazzjoni tad-droga giet mwaqqfa bl-intervent tal-Pulizija Maltija u Taljana, l-akkuzata saret taf illi dawk il-flejjes li huwa kellu jiehu lura, kienu flejjes illi intuzaw sabiex tigi impurtata d-droga gewwa Malta.

Madanakollu, mill-provi kollha illi l-prosekuzzjoni ressqet quddiem dina l-Qorti, imkien ma jirrizulta ppruvat illi hija, f'xi mument, assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra sabiex ibieghu jew jittraffikaw droga f'Malta jew inkella b'xi mod, ghenet hajjret jew tat parir sabiex r-reat ta' l-importazzjoni issehh kif ukoll illi ghamlet xi haga biex thejji jew tiffacilita' l-importazzjoni tad-droga gewwa Malta.

Ghalhekk, l-akkuzi kif migjuba kontra l-akkuzata ma jirrizultawx ippruvat.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha migbura quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Tghaddi u tiddeciedi l-kaz odjern billi

**Tillibera** lill-akkuzata minn kull akkuza migjuba kontra taghha fl-att ta' akkuza kif mahruga fl-4 ta' Awissu 2010.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Dep. Reg.**